



Brussell, 19 ta' Novembru 2021
(OR. en, pl)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0230(NLE)

14136/21
ADD 1

RECH 521
COMPET 851
IND 360
EDUC 388

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa <i>Adozzjoni</i> <i>Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka</i> <i>Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Ungeriża</i>

Dikjarazzjoni tal-Polonja

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, f'formulazzjonijiet li jirreferu għall-ġeneru, il-Polonja ser tinterpretah bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dan u mal-leġiszlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel".

Barra minn hekk, l-Ungerija tibqa' ddedikata għall-impenji tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. L-Ungerija tiżgura dawn id-drittijiet fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Ungeriża f'konformità mal-istrumenti internazzjonali vinkolanti tad-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, l-Ungerija tinterpreta t-terminu ta' "diversità" fir-rakkomandazzjoni (1) tat-test f'konformità mal-kontenut u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
